

Brussell, 13 ta' Mejju 2024
(OR. en)

9804/24

Fajl Interistituzzjonali:
2023/0405(NLE)

EDUC 166
JEUN 108
SPORT 52
SOC 353
EMPL 202
COMPET 538
RECH 222

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn:	Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill
lil:	Delegazzjonijiet
Suġġett:	Rakkomandazzjoni tal-Kunsill "Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd

Id-delegazzjonijiet isibu meħmuża r-Rakkomandazzjoni msemmija hawn fuq, adottata mill-Kunsill (Edukazzjoni, Żgħażaġħ, Kultura u Sport) fil-laqgħa tiegħu tat-13 ta' Mejju 2024.

Rakkomandazzjoni tal-Kunsill

**"Ewropa Attiva" – opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd
(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 165 u 166 tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

1. Fid-Dikjarazzjoni ta' Ruma tal-25 ta' Marzu 2017, il-mexxejja tal-UE wegħdu li jaħdmu lejn Unjoni fejn iż-żgħażaġh jirċievu l-aħjar edukazzjoni u taħriġ u jkunu jistgħu jistudjaw u jsibu impjiegi fil-kontinent kollu.
2. Il-mobbiltà tal-apprendiment uriet li hija siewja ħafna biex l-istudenti jiksbu l-kompetenzi¹ meħtieġa għall-iżvilupp personali, edukattiv u professjonali. L-esperjenzi ta' apprendiment transfruntieri jżidu l-fehim interkulturali u jgħinu fit-trawwim ta' identità Ewropea komuni. L-organizzazzjoni tal-mobbiltà tal-apprendiment, kemm dik 'il ġewwa kif ukoll dik 'il barra, hija wkoll mutur b'saħħtu għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u għall-fornituri tal-apprendiment mhux formali u informali biex tittejjeb il-kwalità tal-apprendiment offrut.

¹ F'konformità mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-22 ta' Mejju 2018 dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja (ĠU C 189, 4.6.2018, p. 1), il-kompetenzi huma definiti bħala taħlita ta' għarfien, ħiliet u attitudnijiet.

3. Il-mobbiltà tal-apprendiment hija importanti biex tgħin fl-indirizzar tan-nuqqasijiet ta' ħiliet fl-UE, b'mod partikolari in-nuqqas ta' dawk il-ħiliet meħtieġa għall-kisba tat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u għat-tranżizzjoni tal-istudenti għas-suq tax-xogħol. L-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol, inkluż il-perjodi mqattgħin f'pajjiż ieħor, huwa ta' benefiċċju għall-ksib tal-ħiliet u l-impjegabbiltà.
4. L-għoti ta' opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għal kulħadd huwa essenzjali għall-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u biex jintlaħqu l-oġettivi tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ 2019-2027. Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tat-30 ta' Settembru 2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni² ħabbret aġġornament tal-qafas tal-mobbiltà tal-apprendiment³ u l-iżvilupp ta' qafas politiku għall-mobbiltà tal-apprendiment tal-għalliema, sabiex aktar studenti u għalliema jkunu jistgħu jibbenefikaw mill-mobbiltà. Din ir-Rakkomandazzjoni taġġorna r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 "Żgħażaġħ f'Moviment" – il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġh biex issaħħaħ id-dispożizzjonijiet tagħha, tespandi l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment — miż-żgħażaġh sal-istudenti ta' kull età, edukaturi u persunal — u tindirizza xejriet ġodda ta' apprendiment, inkluż l-apprendiment imħallat.
5. Waħda mill-prijoritajiet strateġiċi tar-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)⁴ kienet li l-apprendiment tul il-ħajja u l-mobbiltà jsiru realtà għal kulħadd. Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni: Inħarsu lejn l-2025 u lil hinn⁵ enfasizzat li l-identifikazzjoni u t-tneħħija tal-ostakli li fadal għall-mobbiltà tal-apprendiment u t-tagħlim, filwaqt li tiġi mħeġġa mobbiltà inklużiva, sostenibbli u bilanċjata, huma essenzjali għall-kisba sħiħa taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

² COM(2020) 625 final.

³ Kif jinsab fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tat-28 ta' Ġunju 2011 — "Żgħażaġħ Attivi" — il-promozzjoni tal-mobbiltà fit-tagħlim taż-żgħażaġh, ĠU C 199, 7.7.2011, p. 1.

⁴ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

⁵ ĠU C 185, 26.5.2023, p. 35.

6. Id-data miġbura miċ-Ċentru Ewropew għall-Iżvilupp ta' Taħriġ Vokazzjonali (Cedefop) tiżvela li l-pajjiżi jeħtieġ li jżidu l-isforzi tagħhom biex itejbu l-prestazzjoni tagħhom fir-rigward tal-għoti ta' appoġġ komprensiv għall-mobbiltà tal-istudenti tal-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET), b'mod partikolari l-apprendisti. L-analiżi tal-pjanijiet ta' implimentazzjoni nazzjonali⁶ għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza⁷ turi li madwar nofs l-Istati Membri kollha biss taw prijorità lill-miżuri biex tissaħħaħ il-mobbiltà fil-VET.
7. Analizi⁸ tal-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi⁹, kif ukoll l-evidenza tas-Cedefop¹⁰, tissuġġerixxi li l-mobbiltà tal-apprendisti għadha mhix żviluppata biżżejjed u jeħtieġ li jsir sforz akbar biex l-apprendisti jkunu jistgħu jipparteċipaw fi skambji ta' mobbiltà.
8. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-mobbiltà tal-għalliema u tal-ħarrieġa, b'mod partikolari l-mobbiltà Ewropea, matul l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u kontinwi tagħhom¹¹ appellaw għall-promozzjoni u l-espansjoni tal-mobbiltà sabiex issir karatteristika komuni tat-taħriġ u l-karriera tal-għalliema u l-ħarrieġa.

⁶ Cedefop, *Working together towards attractive, inclusive, innovative, agile and flexible VET* (Naħdmu flimkien favur VET attraenti, inklużivi, innovattivi, aġli u flessibbli), Nota informattiva tas-Cedefop, 2023.

⁷ ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.

⁸ Putting into practice the European Framework for Quality and Effective Apprenticeships – implementation of the Council Recommendation by Member States (It-tqegħid fil-prattika tal-Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi — implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill mill-Istati Membri), SWD(2021) 230 final.

⁹ ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1.

¹⁰ Cedefop, *Enablers and disablers of cross-border long-term apprentice mobility: evidence from country- and project-level investigations*, (Fatturi li jiffaċilitaw u jostakolaw il-mobbiltà transfruntiera tal-apprendisti fit-tul: evidenza minn investigazzjonijiet fil-livell tal-pajjiżi u tal-proġetti), Serje ta' referenza tas-Cedefop Nru 120, Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet, il-Lussemburgu, 2021.

¹¹ ĠU C 167, 21.4.2022, p. 2.

9. L-analiżi tal-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġh¹² turi li huma meħtieġa sforzi akbar biex jiġi żgurat li ż-żgħażaġh u l-persuni kollha li jaħdmu maż-żgħażaġh ikunu jistgħu jaċċessaw l-opportunitajiet ta' mobbiltà b'mod effettiv, inkluż il-volontarjat fis-settur tas-soċjetà ċivili. Tenħtieġ ukoll aktar ħidma fuq sistemi effettivi għall-validazzjoni tal-kompetenzi miksuba permezz tal-mobbiltà tal-apprendiment mhux formali u informali, f'sinerġija mar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-5 ta' April 2022 dwar il-mobbiltà ta' voluntiera żgħażaġh madwar l-Unjoni Ewropea¹³.
10. Nuqqas ta' kompetenzi f'lingwa barranija jibqa' ostaklu għall-parteċipazzjoni f'esperjenzi ta' mobbiltà tal-apprendiment, għall-istudju u għax-xogħol f'pajjiż barrani, u biex tiġi skoperta bis-sħiħ id-diversità kulturali tal-Ewropa. Fl-istess ħin, it-titjib tat-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi barranin, kif ukoll li jiġu offruti korsijiet mgħallma f'lingwa barranija, jistgħu jħeġġu lill-istudenti minn pajjiżi oħra biex jinvolvu ruħhom fil-mobbiltà tal-apprendiment. F'dan ir-rigward, huwa importanti li jittieħed vantaġġ mit-teknoloġiji diġitali, inkluż l-intelliġenza artifiċjali (IA).

¹² Dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni li jakkumpanja r-Rapport mill-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni dwar l-implimentazzjoni tal-Istrateġija tal-UE għaż-Żgħażaġħ (2019-2021), SWD(2021) 286 final.

¹³ ĠU C 157, 11.4.2022, p. 1.

11. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar aktar passi biex ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku fl-educazzjoni u t-taħriġ isir realtà¹⁴, li kienu bbażati fuq ir-rapport dwar l-implimentazzjoni tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-educazzjoni għolja u tal-educazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż¹⁵, iddikjaraw li n-nuqqas ta' rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u tal-eżiti ta' perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani¹⁶ jkompli jfixkel il-mobbiltà tal-apprendiment fl-UE. Fil-qasam tal-educazzjoni għolja, l-awtoritajiet nazzjonali għamlu titjib konsiderevoli fir-rigward tal-fehim tagħhom tal-kunċett ta' rikonoxximent reċiproku awtomatiku. Madankollu, in-nuqqas ta' approċċi nazzjonali konsistenti, kif ukoll nuqqas ta' trasparenza, huma fatturi sinifikanti li jiskoraġġixxu lill-istudenti milli jipparteċipaw f'attivitajiet ta' mobbiltà.
12. Il-promozzjoni tal-mobbiltà tal-apprendiment ma' pajjiżi terzi tista' tagħmel is-sistemi edukattivi u tat-taħriġ Ewropej aktar attraenti għall-bqija tad-dinja u tattira t-talent lejn l-istituzzjonijiet tal-educazzjoni u tat-taħriġ tagħhom. Il-kooperazzjoni internazzjonali fl-educazzjoni u t-taħriġ, inkluż il-mobbiltà tal-apprendiment, hija essenzjali biex jintlaħqu l-prijoritajiet ġeopolitiċi tal-UE, b'mod partikolari l-Global Gateway, u biex jintlaħqu l-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tal-2030.
13. Il-promozzjoni tal-aċċess għall-mobbiltà tal-apprendiment għal persuni b'inqas opportunitajiet hija partikolarment importanti, u dan l-oġettiv ta' inklużjoni huwa fil-qalba tal-programm Erasmus+ 2021-2027 u dak tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Huwa kruċjali li dan l-oġettiv jissaħħaħ f'dawn il-programmi u jiġi estiż, fejn possibbli, għal skemi oħra ta' mobbiltà tal-apprendiment madwar l-UE.

¹⁴ ĠU C 185, 26.5.2023, p. 44.

¹⁵ COM(2023) 91 final.

¹⁶ Id-definizzjonijiet ta' "rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifika" u "rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-eżiti ta' perjodu ta' apprendiment f'pajjiż barrani", kemm fil-livell tal-educazzjoni għolja kif ukoll fil-livell tal-educazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, huma stipulati fl-anness għar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tas-26 ta' Novembru 2018 dwar il-promozzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-educazzjoni għolja u tal-educazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli u l-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment barra mill-pajjiż (ĠU C 444, 10.12.2018, p. 1) u huma applikabbli bis-sħiħ għal din ir-Rakkomandazzjoni.

14. L-inizjattiva tal-Universitajiet Ewropej għandha mira ta' mobbiltà ta' 50 % fost l-istituzzjonijiet parteċipanti, filwaqt li bħalissa qed jiġu ttestjati kriterji Ewropej għall-ġhoti ta' tikketta ta' lawrja Ewropea konġunta u dawn jistgħu jħeġġu wkoll l-inkorporazzjoni tal-mobbiltà fil-kurrikuli. Iż-żieda fil-baġit ta' Erasmus+ għall-2021-2027 tinfed l-oġettiv tal-UE li tħeġġeġ aktar studenti jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment mill-inqas darba matul l-istudji tagħhom, b'varjetà usa' ta' formati ta' mobbiltà, inkluż programmi intensivi mħallta u mobbiltà mħallta fuq terminu qasir. Għalhekk, huwa importanti li tiżdied il-mira ta' mobbiltà tal-apprendiment ta' 20 %, li ġiet stabbilita oriġinarjament fil-kuntest tal-Proċess ta' Bologna fl-2009. L-għodod li ġew żviluppati minn dak iż-żmien 'l hawn, flimkien mal-miżuri proposti minn din ir-Rakkomandazzjoni, joħolqu l-kundizzjonijiet qafas meħtieġa sabiex mill-inqas 23 % tal-gradwati fl-edukazzjoni għolja jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment.
15. Il-mudelli tal-apprendiment evolwew fl-aħħar għaxar snin, inkluż bħala konsegwenza tal-pandemija tal-COVID-19, li tat spinta lill-apprendiment virtwali u mħallat. L-espansjoni tal-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment għall-istudenti, l-edukaturi u l-persunal fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll is-setturi taż-żgħażaġh u l-isport f'ambjenti formali, mhux formali u informali, wasslet ukoll għall-iżvilupp ta' formati flessibbli ta' mobbiltà tal-apprendiment.
16. Mobbiltà bilanċjata għar-riċerkaturi, b'mod partikolari r-riċerkaturi fil-bidu tal-karriera, jenħtieġ li tiġi appoġġata aktar biex jiżdied l-iżvilupp personali u professjonali tagħhom għall-benefiċċju tal-kompetittività tas-sistema tar-riċerka u l-innovazzjoni tal-Ewropa.

17. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan li tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni sal-2025. Il-viżjoni għall-kwalità fl-edukazzjoni u t-taħriġ tinkludi l-promozzjoni tal-libertà doppja għall-istudenti, l-edukaturi u l-persunal, b'mod partikolari persuni b'inqas opportunitajiet, biex ikunu mobbli, u għall-istituzzjonijiet biex jassoċjaw ruħhom ma' xulxin b'mod liberu fl-Ewropa u lil hinn minnha. Jenħtieġ li s-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ inklużivi u ekwi jappoġġaw soċjetajiet koeżivi, jistabbilixxu l-pedamenti għal ċittadinanza attiva u jtejbu l-impjegabbiltà. Din ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Istati Membri jistabbilixxu kundizzjonijiet abilitanti għall-mobbiltà tal-apprendiment, u jneħħu l-ostakli u jipprovdu inċentivi li huma mfassla għall-ħtiġijiet speċifiċi tal-istudenti, tal-edukaturi u tal-persunal f'setturi differenti.
18. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha l-għan ukoll li tiffaċilita kooperazzjoni akbar ma' pajjiżi terzi ewlenin kif previst fl-inizjattiva tas-Sħubijiet ta' Talent, filwaqt li tippromwovi lill-UE bħala destinazzjoni attraenti għal persuni b'talent minn pajjiżi terzi biex jitgħallmu, jitħarrġu u jistudjaw.

19. Din ir-Rakkomandazzjoni tfakkar fis-sinerġiji u l-komplementarjetajiet eżistenti bejn il-programmi tal-UE li jindirizzaw il-mobbiltà tal-apprendiment, bħal Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u strumenti ta' finanzjament oħrajn fil-livell reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-UE, bħall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni tal-UE, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew Plus, bl-inizjattiva tiegħu Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA).
20. Din ir-Rakkomandazzjoni għandha wkoll l-għan li tagħti spinta lill-mobbiltà tal-apprendiment għall-għalliema u l-apprendisti permezz ta' oqfsa ta' politika ddedikati, kif spjegati fid-dettall fl-Annessi. L-iskejjel qed jiffaċċaw nuqqas ta' għalliema, u jenħtieġ li l-mobbiltà tal-apprendiment iżżid l-attrazzjoni tal-professjoni. L-għalliema li esperjenzaw mobbiltà jistgħu jsiru mudelli eżemplari għall-istudenti u jistgħu jgħinu fil-promozzjoni tal-kooperazzjoni tranżnazzjonali u internazzjonali. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-mobbiltà, b'mod partikolari l-mobbiltà Ewropea, tal-għalliema u tal-ħarrieġa matul l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u fis-servizz tagħhom jenfasizzaw l-impatt pożittiv tal-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani fuq l-iżvilupp professjonali tal-għalliema, kif ukoll fuq is-sistemi edukattivi u tat-taħriġ, filwaqt li jidentifikaw l-ostakli għall-mobbiltà. L-apprendisti jiffaċċaw ukoll sett ta' ostakli speċifiċi relatati mal-karatteristiċi speċjali tal-apprendiment imsejjes fuq ix-xogħol. Jenħtieġ li l-mobbiltà tagħhom tgħin biex tindirizza d-diskrepanzi fil-ħiliet, tappoġġa t-tranżizzjonijiet ekoloġiċi u diġitali u żżid l-impjegabbiltà, b'mod partikolari fost iż-żgħażaġh.

21. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, jintuża, bħala punt tat-tluq, il-kunċett ta' "mobbiltà għat-tagħlim" kif definit fir-Regolament (UE) 2021/817 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Mejju 2021 li jistabbilixxi Erasmus +: il-programm tal-Unjoni għall-edukazzjoni u taħriġ, żgħażaġh u sport u li jħassar ir-Regolament (UE) Nru 1288/2013¹⁷, jiġifieri ċ-ċaqliq fiżiku lejn pajjiż li mhux il-pajjiż tar-residenza tal-istudenti, sabiex isir studju, taħriġ jew tagħlim mhux formali jew informali. "Mobbiltà tal-apprendiment" skont it-tifsira ta' din ir-Rakkomandazzjoni tkopri t-tipi kollha ta' mobbiltà tal-apprendiment fuq terminu twil u qasir, inkluż il-mobbiltà individwali u ta' grupp, il-mobbiltà mħallta (inkluż il-komponenti virtwali tagħha), il-mobbiltà tal-kreditu u l-mobbiltà li twassal għal lawrja. Tkopri l-istudenti, l-edukaturi u l-persunal fis-setturi kollha tal-apprendiment tul il-ħajja, inkluż l-edukazzjoni u l-kura bikrija tat-tfal, l-edukazzjoni skolastika, l-edukazzjoni għolja, il-VET, l-apprendiment għall-adulti kif ukoll iż-żgħażaġh¹⁸, il-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u l-persunal fl-isport¹⁹, kemm fl-ambitu tal-programm Erasmus+ kif ukoll barra minnu. Din ir-Rakkomandazzjoni tkopri kemm il-mobbiltà tal-apprendiment intra-UE kif ukoll dik internazzjonali mill-UE.

¹⁷ ĠU L 189, 28.5.2021, p. 1.

¹⁸ Billi tintuża, bħala punt tat-tluq, il-varjetà ta' opportunitajiet ta' mobbiltà taż-żgħażaġh offriti minn Erasmus+ Żgħażaġħ u mill-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, il-mobbiltà tal-apprendiment tas-settur taż-żgħażaġh tirreferi għall-mobbiltà tal-apprendiment taż-żgħażaġh, tal-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh u tal-voluntiera f'kuntesti ta' apprendiment mhux formali u informali. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-mobbiltà tal-apprendiment fis-settur taż-żgħażaġh tinkludi wkoll programmi nazzjonali oħra ta' mobbiltà.

¹⁹ Skont l-azzjoni ewlenija 1 tal-azzjonijiet sportivi ta' Erasmus+, il-mobbiltà tal-apprendiment fis-settur tal-isport hija definita bħala l-mobbiltà tal-persunal tal-organizzazzjonijiet sportivi, primarjament fl-isport għad-dilettanti, li jingħata l-opportunità li jtejjeb l-kompetenzi u l-kwalifiki tiegħu u jikseb ħiliet ġodda billi jqatta' perjodu ta' żmien f'pajjiż barrani, u b'hekk tikkontribwixxi għat-tisħiħ tal-kapaċitajiet u l-iżvilupp tal-organizzazzjonijiet sportivi. Din l-azzjoni tappoġġa l-iżvilupp professjonali tal-coaches u persunal ieħor (kemm persunal imħallas kif ukoll voluntiera) fl-isport għad-dilettanti. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni, il-mobbiltà tal-apprendiment fis-settur tal-isport tinkludi wkoll programmi nazzjonali oħra ta' mobbiltà.

22. Il-mobbiltà tal-istudenti, tal-edukaturi u tal-persunal, li ġiet imsaħħa mit-tnedija taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni, għandha impatt pożittiv fuq l-edukazzjoni u t-taħriġ. Madankollu, il-mobbiltà li twassal għal lawrja fl-edukazzjoni għolja, kif ukoll il-mobbiltà fil-VET, jistgħu jgħolqu sfidi għal xi sistemi edukattivi u tat-taħriġ li jirċievu influssi sostanzjali ta' studenti jew apprendisti, jew għal dawk il-pajjiżi mhedda minn "eżodu ta' mħuħ", li jwassal biex ħafna persuni b'talent jagħżlu li jistudjaw jew jibdew apprendistat barra minn pajjiżhom u mbagħad jibqgħu hemm.
23. Għall-mira tal-mobbiltà tal-apprendiment²⁰ fl-edukazzjoni għolja, l-azzjonijiet tal-mobbiltà koperti jinkludu: mobbiltà 'l barra li twassal għal lawrja; mobbiltà 'l barra tal-krediti ta' minimu ta' tliet xhur jew 15-il kreditu tas-Sistema Ewropea għall-Akkumulazzjoni u t-Trasferiment ta' Krediti (ECTS) (inkluż kemm traineeships kif ukoll mobbiltà tal-istudju); u mobbiltà 'l barra iqsar li tikkonsisti f'inqas minn tliet xhur u mill-inqas tliet krediti tal-ECTS. Dawn l-azzjonijiet ta' mobbiltà jistgħu jkunu jew kompletament fiżiċi jew imħalltin, jiġifieri jikkonsistu f'komponent kemm virtwali kif ukoll fiżiku. Il-mira tiġi kkalkolata fil-livell tal-gradwati għall-gradwati li jipparteċipaw fil-mobbiltà tal-apprendiment mill-inqas darba matul l-istudji tagħhom. Fid-dawl tal-elementi msemmija hawn fuq, din ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Kummissjoni biex sal-2026 tressaq proposta għal metodoloġija aġġornata biex jitkejjel is-sehem ta' gradwati b'esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani fl-edukazzjoni għolja.

²⁰ L-indikatur ser ikun ibbażat fuq data dwar il-mobbiltà miksuba mill-ġbir ta' data amministrattiva tal-UNESCO-OECD-Eurostat (UOE).

24. Sabiex tindirizza s-sejthiet²¹ għal mira aktar ambizzjuża mill-mira attwali ta' 8 % għall-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani għall-istudenti tal-VET, din ir-Rakkomandazzjoni tipproponi li sal-2030, il-mira ta' parteċipazzjoni għall-istudenti tal-VET, inkluż l-apprendisti, tiżdied għal mill-anqas 12 %. Il-mira għall-VET²² tibni fuq l-indikatur definit fir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza. Din titkejjel bħala s-sehem ta' studenti mobbli f'sena kalendarja, bħala proporzjon ta' koorti ta' gradwati tal-VET fl-istess sena. Tinkludi l-partekipanti f'opportunitajiet ta' mobbiltà flessibbli, bħal dawk fil-qafas tal-Erasmus+ (pereżempju l-mobbiltà għal żmien qasir, il-mobbiltà fi grupp, il-mobbiltà mħallta, il-mobbiltà marbuta mal-partekipazzjoni f'kompetizzjonijiet tal-ħiliet), jew programmi oħra tal-mobbiltà.

²¹ Inkluż ir-Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tas-17 ta' Diċembru 2020 dwar ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza (2020/2767(RSP)).

²² L-indikatur ser jissejjes fuq data dwar il-mobbiltà li nkisbet mid-data tal-Erasmus+ u mid-data tal-gradwati tal-VET li nkisbet mill-ġbir ta' data tal-UOE. Fejn disponibbli u biss jekk id-data pprovduta tkun komparabbli mad-data ta' Erasmus+, id-data mill-programmi ta' mobbiltà tal-awtoritajiet nazzjonali, inkluż dwar it-tul ta' żmien tal-mobbiltà, tista' tintuża wkoll biex tikkomplementa d-data minn Erasmus+. Meta tiġi inkluża data mill-awtoritajiet nazzjonali, jenħtieġ li din tiġi indikata b'mod trasparenti.

25. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn qawwi tiegħu għal mobbiltà tal-apprendiment inklużiva u jiddikjara l-ambizzjoni politika tiegħu li jistabbilixxi mira f'dan ir-rigward. Sabiex ikun f'pożizzjoni li jagħmel dan, tenħtieġ metodoloġija biex jitkejjel is-sehem ta' persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani. Il-Kunsill għalhekk itenni l-appell tiegħu lill-Kummissjoni biex twettaq ħidma fuq proposti, abbażi u bl-użu tal-opinjoni esperta tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Parametri Referenzjarji, għal indikaturi possibbli jew miri fil-livell tal-UE fl-oqsma tal-inklużjoni u l-ekwità²³. Biex jiġi enfazzzjat l-impenn tal-Kunsill, huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jaspiraw li kollettivament jilħqu sehem ta' mill-inqas 20 % tal-persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani sal-2027. Biex dan jiġi stmat, tista' tintuża d-data attwalment disponibbli taħt il-programm Erasmus+ u dik tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Din id-data bl-ebda mod ma tkopri t-tipi kollha ta' mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani, iżda tista' tintuża bħala l-eqreb indikatur disponibbli bħalissa. Barra minn hekk, din ir-Rakkomandazzjoni tistieden lill-Kummissjoni biex sal-2026 tressaq proposta għal metodoloġija għall-ġbir tad-data biex jitkejjel is-sehem ta' persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani fis-setturi tal-edukazzjoni, tat-taħriġ u taż-żgħażaġh u l-isport, filwaqt li jitqiesu kif xieraq is-sensittivitajiet possibbli dwar tali data u mingħajr ma jiġu imposti piżijiet amministrattivi addizzjonali fuq l-Istati Membri. Abbażi ta' din il-proposta, il-Kunsill jista' jaqbel dwar mira fil-livell tal-UE li għandha tintlaħaq sal-2030.
26. Din ir-Rakkomandazzjoni ma tippreġudikax negozjati futuri dwar l-istrumenti ta' finanzjament tal-Unjoni taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss.

²³ Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030) (ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1).

27. Fid-dawl tal-Artikolu 349 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE) u f'konformità mal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tat-3 ta' Mejju 2022 intitolata "Inpoġġu lin-nies l-ewwel, niżguraw tkabbir sostenibbli u inklużiv, nilliberaw il-potenzjal taż-żoni ultraperiferiċi tal-UE"²⁴, jenħtieġ li din ir-Rakkomandazzjoni tqis is-sitwazzjoni speċifika ta' dawk ir-reġjuni ultraperiferiċi msemmija f'dak l-Artikolu, bil-ħsieb li tiġi promossa l-mobbiltà tal-apprendiment lejn u minn dawn ir-reġjuni.
28. Għall-finijiet ta' din ir-Rakkomandazzjoni u f'konformità mal-linji gwida ta' implimentazzjoni għall-Istrateġija għall-Inklużjoni u d-Diversità tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà²⁵, l-ostakli għall-mobbiltà tal-apprendiment jinkludu d-diżabbiltajiet, il-problemi tas-saħħa, l-ostakli marbuta mas-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, id-differenzi kulturali, l-ostakli soċjali (inkluż ostakli soċjopsikoloġiċi u relatati mal-familja), l-ostakli ekonomiċi, l-ostakli marbuta mad-diskriminazzjoni u l-ostakli ġeografiċi.

²⁴ COM(2022) 198 final.

²⁵ Il-Linji gwida ta' implimentazzjoni – Strateġija għall-Inklużjoni u d-Diversità tal-Erasmus+ u tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà.

ADOTTA DIN IR-RAKKOMANDEZZJONI U JIRRAKKOMANDA LI L-ISTATI MEMBRI

F'konformità mal-karatteristiċi tal-edukazzjoni skolastika nazzjonali, il-VET, is-sistemi tal-edukazzjoni għolja u tal-edukazzjoni għall-adulti, u s-setturi taż-żgħażaġħ u tal-isport, u b'kunsiderazzjoni xierqa għal-libertà akkademika tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-awtonomija tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ:

1. Jippromwovu l-moviment bla xkiel tal-istudenti, tal-edukaturi u tal-persunal kollha fiż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni bil-ħsieb li jappoġġaw l-iżvilupp tal-kompetenzi ewlenin, b'mod partikolari l-ksib tal-għarfien, il-ħiliet u l-attitudnijiet li huma essenzjali għat-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali, jibnu l-fiduċja u l-fehim bejn is-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-setturi taż-żgħażaġħ u tal-isport, u jippromwovu ċ-ċittadinanza attiva.
2. Jaħdmu lejn skemi ta' mobbiltà tal-apprendiment li huma inklużivi u sostenibbli mil-lat ambjentali, li jibbenefikaw mill-użu ta' teknoloġiji diġitali u jippromwovu valuri komuni tal-UE²⁶.

²⁶ Kif espressi fl-Artikolu 2 tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea.

3. Itejbu l-isforzi biex il-mobbiltà ssir realtà għal kulħadd u jistinkaw biex jintlaħqu l-miri fil-livell tal-UE sal-2030 permezz ta' dan li ġej:
- a) fl-edukazzjoni għolja, jenħtieġ li s-sehem ta' gradwati b'esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani jkun ta' mill-inqas 23 %;
 - b) fil-VET, jenħtieġ li s-sehem ta' studenti vokazzjonali li jibbenefikaw minn esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani jkun ta' mill-inqas 12 %.

Il-miri msemmija hawn fuq jirrappreżentaw livell ta' referenza tal-prestazzjoni ġenerali tal-UE u għandhom jiġu kkalkulati fil-livell tal-UE. L-Istati Membri mistiedna jikkontribwixxu individwalment għall-kisba ta' dawk il-miri filwaqt li jqisu l-punti ta' tluq differenti tagħhom u jirrispettaw id-differenzi nazzjonali.

Il-miri fil-livell tal-UE msemmija hawn fuq jistgħu jiġu rieżaminati mill-Kunsill kif adatt fid-dawl ta':

- proposta tal-Kummissjoni dwar metodoloġija aġġornata għall-ġbir tad-data għall-edukazzjoni għolja;
- ir-rieżami li ġej dwar il-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ.

4. Jimpenjaw ruħhom għal approċċ inklużiv għall-mobbiltà tal-apprendiment fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ u taż-żgħażaġh u l-isport billi l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment isiru aktar aċċessibbli għall-persuni b'inqas opportunitajiet²⁷ permezz ta' dawn li ġejjin:
- a) jaspiraw li kollettivament jilhqqu sehem ta' mill-inqas 20 % tal-persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani²⁸ sal-2027;
 - b) jikkunsidraw l-ilħuq ta' qbil dwar mira fil-livell tal-UE li għandha tintlaħaq sal-2030 abbażi ta' proposta mressqa mill-Kummissjoni sal-2026 għal metodoloġija għall-ġbir tad-data biex jitkejjel is-sehem ta' persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani fis-setturi tal-edukazzjoni u t-taħriġ u taż-żgħażaġh u l-isport.

²⁷ F'konformità mar-Regolament (UE) 2021/817, "persuni b'inqas opportunitajiet" tfisser persuni li, għal raġunijiet ekonomiċi, soċjali, kulturali, ġeografiċi jew ta' saħħa, minħabba l-isfond ta' migrazzjoni tagħhom, jew għal raġunijiet bħal diżabbiltà jew diffikultajiet edukattivi jew għal kwalunkwe raġuni oħra, inkluż raġuni li tista' tagħti lok għad-diskriminazzjoni skont l-Artikolu 21 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, jiffaċċaw ostakli li jżommuhom milli jkollhom aċċess effettiv għal opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment.

²⁸ Fin-nuqqas attwali ta' indikatur għall-UE kollha għall-mobbiltà tal-apprendiment inklużiva, is-sehem ta' persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani jista' jiġi stmat bl-użu ta' data dwar il-mobbiltà miksuba mill-programmi Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà. Din id-data bl-ebda mod ma tkopri t-tipi kollha ta' mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani, iżda tista' tintuża bħala l-eqreb indikatur disponibbli bħalissa.

5. Jiżguraw kooperazzjoni strutturali mal-partijiet ikkonċernati fil-qasam tal-mobbiltà tal-apprendiment bil-ħsieb li tiġi implimentata din ir-Rakkomandazzjoni.
6. Jipprovdu opportunitajiet sistemiċi ta' mobbiltà tal-apprendiment billi:
 - a) jikkunsidraw li jagħmlu l-mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani parti integrali mill-edukazzjoni skolastika, mill-VET u mill-apprendistati, mill-edukazzjoni għolja, u mis-sistemi tal-edukazzjoni u t-taħriġ għall-adulti billi jistinkaw biex jinkludu l-opportunità għal perjodi ta' mobbiltà tal-apprendiment f'pajjiż barrani permezz ta' twieqi ta' mobbiltà flessibbli, korsijiet elettivi u opportunitajiet oħrajn;
 - b) jappoġġaw lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u l-fornituri tat-taħriġ fl-iżvilupp u t-twassil ta' għadd dejjem akbar ta' attivitajiet transfruntieri konġunti, inkluż programmi konġunti li jwasslu għal lawrji konġunti, billi jagħmlu l-aħjar użu mill-inizjattivi Ewropej, b'mod partikolari mill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, miċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali, mit-Timijiet Nazzjonali tal-VET, mill-Alleanzi għall-Innovazzjoni u mill-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+, u billi jibnu fuq l-esperjenzi tal-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, li għandhom mira ta' mobbiltà ta' 50 % fost l-istudenti b'għażliet fiżiċi, virtwali u mħallta;

- c) jippromwovu u jinkorporaw il-mobbiltà tal-apprendiment 'il ġewwa u 'l barra fl-ambjenti tal-apprendiment mhux formali u informali, tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u tal-volontarjat bħala għażliet ta' mobbiltà siewja u vijabbli għall-istudenti, l-edukaturi u l-persunal kollha, inkluż permezz ta' sensibilizzazzjoni, miżuri maħsuba biex jilħqu ż-żgħażaġh u appoġġ ieħor lill-fornituri ta' apprendiment mhux formali u informali, lill-awtoritajiet lokali u reġjonali, liċ-ċentri taż-żgħażaġh u lill-organizzazzjonijiet tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u tas-soċjetà ċivili;
- d) jappoġġaw l-applikazzjoni ta' kriterji ta' kwalità għat-tħejjija, l-implimentazzjoni u s-segwitu tal-attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment, inkluż billi jibnu fuq l-istandards ta' kwalità żviluppati fi ħdan il-programm Erasmus+, il-programm tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà u skemi oħrajn ta' mobbiltà tal-apprendiment, u billi jiffokaw fuq l-aċċessibbiltà u l-inklużività ta' tali attivitajiet;
- e) irawmu l-kooperazzjoni mal-korpi li jimmaniġġjaw u jimplimentaw l-istrumenti ta' finanzjament fil-livell reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-UE biex jiżguraw attivitajiet ikkoordinati li jappoġġaw u jippromwovu l-mobbiltà tal-apprendiment, filwaqt li jevitaw id-duplikazzjonijiet u jimmassimizzaw l-impatt tar-riżorsi.

7. Itejbu l-apprendiment tal-lingwi billi:

- a) isaħħu l-apprendiment tal-lingwi fl-istadji kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll fis-setturi taż-żgħażaġh u l-isport, fejn possibbli, biex tingħata spinta lill-għażliet u l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment;
- b) jappoġġaw l-aċċess għall-edukazzjoni u l-apprendiment tal-lingwi, inkluż għall-istudenti adulti, sabiex jittejbu l-kompetenzi multilingwi u ċ-ċittadini jkunu jistgħu jieħdu vantaġġ sħiħ mill-mobbiltà tal-apprendiment, u jżidu l-opportunitajiet ta' impjeg tagħhom.

8. Jappoġġaw l-involviment fl-attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment billi:

- a) jibnu fuq kultura ta' mobbiltà tal-apprendiment tul il-ħajja fl-istadji kollha tal-apprendiment tal-edukazzjoni u t-taħriġ u fl-ambjenti kollha tal-apprendiment mhux formali u informali, tal-ħidma fost iż-żgħażaġh, tal-volontarjat u tal-isport. L-azzjonijiet li għandhom jittieħdu f'dan ir-rigward jistgħu jinkludu:
 - i) l-iżvilupp ta' varjetà ta' formati u attivitajiet ta' mobbiltà;
 - ii) l-appoġġ kemm lill-organizzazzjonijiet li jibagħtu kif ukoll lil daww ospitanti li għandhom strateġija ta' internazzjonalizzazzjoni;
 - iii) żieda fl-attrazzjoni tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ, kif ukoll tal-ambjenti ta' apprendiment mhux formali u informali fl-oqsma taż-żgħażaġh u l-isport, mil-lat ta' ospitar u spedizzjoni ta' studenti mobbli;
 - iv) it-tkeġġiġ ta' networks tal-alumni biex jiżviluppaw u jippromwovu esperjenzi ta' apprendiment.

- b) it-trawwim tal-kooperazzjoni bejn l-awtoritajiet lokali u reġjonali, il-fornituri tal-
edukazzjoni u t-taħriġ, is-setturi taż-żgħażaġh u l-isport, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà
ċivili, l-organizzazzjonijiet mhux governattivi u l-korpi privati biex jippromwovu u
jappoġġaw il-mobbiltà tal-apprendiment 'il barra, inkluż għal persuni b'inqas
opportunitajiet, u joħolqu ambjent akkoljenti għall-parteċipanti tal-mobbiltà tal-
apprendiment 'il ġewwa minn barra l-pajjiż;
- c) it-tkeġġig tal-awtoritajiet u l-organizzazzjonijiet li jimmaniġġjaw l-iskemi ta' mobbiltà,
kemm fi rwoli li jibagħtu kif ukoll dawk ospitanti, biex inaqqsu l-piż amministrattiv
għall-organizzazzjonijiet u l-parteċipanti u jipprovdu gwida ċara matul il-proċess kollu
tal-applikazzjoni;
- d) l-appoġġ lill-formati flessibbli ta' mobbiltà tal-apprendiment li jistgħu jiddiversifikaw il-
grupp ta' parteċipanti u jservu bħala pass 'il quddiem għal perjodi itwal ta' mobbiltà,
inkluż attivitajiet ta' mobbiltà fi grupp, mobbiltà għal żmien qasir u programmi intensivi
mħalltin u kwalunkwe esperjenza oħra ta' apprendiment li tista' twassal għal
mikrokredenzjali, f'konformità mal-approċċ Ewropew għall-mikrokredenzjali għall-
apprendiment tul il-ħajja u għall-impjegabbiltà;
- e) l-apprezzament tal-ħidma tal-edukaturi, tal-persunal u tal-persuni li jaħdmu maż-
żgħażaġh li jħejju u jimplimentaw proġetti u attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment
billi jinkorporawhom fil-professjoni tagħhom, u r-rikonoxximent tal-valur miżjud tal-
mobbiltà tal-persunal.

9. Jipprovdu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment billi:
- a) jistabilixxu, fejn adatt promoturi tal-mobbiltà tal-apprendiment — koordinaturi, punti ta' kuntatt, ambaxxaturi jew ċentri ta' informazzjoni ddedikati dwar il-mobbiltà tal-apprendiment — fil-livell nazzjonali, reġjonali jew lokali biex jikkondividu l-ġharfien espert tagħhom mal-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ, is-setturi taż-żgħażaġh u l-isport, l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili u korpi privati, biex jappoġġaw l-involviment f'attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment u biex joħolqu networks fil-livell nazzjonali u intra-UE;
 - b) joffru lill-istudenti informazzjoni mmirata dwar l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment matul iċ-ċiklu tal-apprendiment tul il-ħajja, inkluż fl-iskejjel u fl-ambjenti taż-żgħażaġh u x-xogħol, fost il-fornituri tal-VET u tal-edukazzjoni għall-adulti, il-fornituri tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u tal-volontarjat, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-impjegaturi, billi jikkooperaw mal-promoturi tal-mobbiltà tal-apprendiment u jinkorporaw l-informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment fl-istudju u fil-gwida għall-karriera;
 - c) jippromwovu l-benefiċċji ta' perjodu ta' mobbiltà f'pajjiż barrani u jipprovdu pariri, suġġerimenti u mentoraġġ, b'mod partikolari lil studenti b'inqas opportunitajiet, inkluż billi jagħmlu l-aħjar użu mill-App Erasmus+;

- d) jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet ospitanti biex jiżguraw akkoljenza bla xkiel għall-istudenti li jkunu deġlin, inkluż billi jqiegħdu għad-dispożizzjoni tagħhom informazzjoni u materjal rilevanti diġà disponibbli;
- e) jagħtu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' mobbiltà billi jiġu ottimizzati l-użu u l-funzjonament tan-networks tal-Euroguidance u tal-Eurodesk;
- f) jipprovdu informazzjoni dwar il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol fil-pajjiżi ospitanti billi jagħmlu użu mill-informazzjoni disponibbli fuq il-portal tal-EURES dwar il-kundizzjonijiet tal-ġhajxien u tax-xogħol fl-Istati Membri kollha u fil-pajjiżi tal-EFTA u t-taqsimi rilevanti tar-Rokna tat-Tagħlim tal-UE, inkluż billi jgħaqqdu dik l-informazzjoni mal-portali nazzjonali tal-mobbiltà tal-apprendiment.

10. Jappoġġaw it-trasparenza u r-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment billi:

- a) jistabbilixxu l-passi meħtieġa biex jiksbu rikonoxximent reċiproku awtomatiku ta' kwalifiki tal-edukazzjoni għolja u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani fil-livell tal-edukazzjoni għolja u jagħmlu progress sostanzjali lejn ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki tal-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli li jagħtu aċċess għall-edukazzjoni għolja u tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani fl-edukazzjoni u t-taħriġ fil-livell sekondarju għoli, inkluż il-VET, kif ukoll l-apprendiment virtwali u mħallat, billi jipprovdu gwida u taħriġ għall-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u jiżguraw il-konsistenza fit-teħid tad-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent;
- b) jagħmlu użu sħiħ mill-iskemi u l-għodod disponibbli li jistgħu jappoġġaw ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, inkluż billi jiffaċilitaw approċċi nazzjonali konsistenti għar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku u jiżguraw li s-sistema esterna tal-assigurazzjoni tal-kwalità tiġi implimentata minn aġenziji indipendenti tal-assigurazzjoni tal-kwalità rreġistrati mal-EQAR;
- c) jinkoraġġixxu lill-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u t-taħriġ biex iżommu rekord tad-deċiżjonijiet dwar ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-apprendiment, b'kont meħud tar-regoli dwar il-protezzjoni tad-data, biex jiżguraw il-konsistenza u t-trasparenza tat-teħid tad-deċiżjonijiet maż-żmien u bejn l-istrutturi organizzattivi differenti tal-istituzzjonijiet, bl-għan li jiżguraw fehim tal-kunċett u d-definizzjoni tar-rikonoxximent reċiproku awtomatiku;
- d) jieħdu passi lejn ir-rikonoxximent tal-kompetenzi miksuba permezz tal-mobbiltà tal-apprendiment fl-ambjenti tal-apprendiment mhux formali u informali, tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u tal-volontarjat billi jippromwovu l-kooperazzjoni dwar l-arranġamenti ta' validazzjoni fost il-korpi rilevanti fis-setturi kollha tal-edukazzjoni u t-taħriġ, il-fornituri tal-apprendiment mhux formali u l-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili, sabiex l-eżiti tal-apprendiment mhux formali u informali jkunu jistgħu jintużaw aktar faċilment fl-edukazzjoni formali u fis-suq tax-xogħol;

- e) jappoġġaw lill-fornituri tal-edukazzjoni u t-taħriġ u lill-organizzaturi tal-attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment taż-żgħażaġh, tal-ħidma fost iż-żgħażaġh u tal-volontarjat fl-użu sistemiku tal-oqfsa u l-istrumenti tal-UE, inkluż il-Europass, il-klassifikazzjoni multilingwi tal-ħiliet, il-kompetenzi u l-okkupazzjonijiet Ewropej, il-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment, il-Qafas Ewropew tal-Kwalifiki għat-tagħlim tul il-ħajja, il-Europass Mobbiltà, il-Youthpass u/jew l-oqfsa nazzjonali, biex jgħinu l-identifikazzjoni, id-dokumentazzjoni, il-valutazzjoni u, fejn adatt, iċ-ċertifikazzjoni tal-kompetenzi żviluppati permezz tal-mobbiltà tal-apprendiment;
- f) jikkunsidraw it-teħid ta' passi lejn ir-ratifika tal-Konvenzjoni Globali tal-UNESCO dwar ir-Rikonoxximent tal-Kwalifiki li jikkonċernaw l-Edukazzjoni Għolja biex itejbu r-rikonoxximent ġust u trasparenti tal-kwalifiki ta' pajjiżi terzi, kif ukoll l-istudji parzjali u l-apprendiment preċedenti; iqiegħdu għad-dispożizzjoni tal-pubbliku informazzjoni dwar il-proċessi għar-rikonoxximent ta' kwalifiki ta' pajjiżi terzi;
- g) jużaw il-kooperazzjoni politika, b'mod partikolari d-Djalogu dwar il-Politika Globali tal-Proċess ta' Bologna u l-kooperazzjoni fost l-awtoritajiet ta' rikonoxximent u tal-aġenziji tal-assigurazzjoni tal-kwalità, biex jiżviluppaw il-kapaċitajiet fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja ta' pajjiżi terzi u jallinjaw il-proċessi tal-assigurazzjoni tal-kwalità sabiex jimmassimizzaw l-eżiti tal-apprendiment tal-esperjenzi tal-mobbiltà ta' studenti minn pajjiżi terzi u jiżguraw ir-rikonoxximent sħiħ ta' perjodi ta' mobbiltà bħala li jgħoddu għal-lawrja tal-istudenti f'pajjiżhom stess.

11. Jappoġġaw it-tranzizzjoni lejn is-suq tax-xogħol u l-mobbiltà tax-xogħol billi:

- a) jiffaċilitaw it-tranżizzjoni mill-mobbiltà tal-apprendiment għall-mobbiltà tax-xogħol billi jgħinu lill-istudenti mobbli, l-edukaturi u l-persunal, kif ukoll lill-persuni li jaħdmu maż-żgħażaġh, jaċċessaw l-appoġġ għall-persuni li qed ifittxu impjieg mis-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u mill-EURES;
- b) permezz tal-programm Erasmus+, jgħinu lill-istudenti, inkluż il-gradwati reċenti, jagħmlu traineeships barra mill-pajjiż biex jiżviluppaw il-ħiliet intraprenditorjali, innovattivi, kreattivi u interkulturali tagħhom;
- c) jinkoraġġixxu lill-organizzazzjonijiet rilevanti biex jospitaw trainees minn barra l-pajjiż, inkluż permezz ta' bini ta' sensibilizzazzjoni u informazzjoni aċċessibbli.

12. Jagħmlu l-mobbiltà tal-apprendiment aktar inklużiva u aċċessibbli billi:

- a) jiżviluppaw miżuri ddedikati biex jappoġġaw il-mobbiltà ta' persuni b'inqas opportunitajiet fis-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif ukoll fis-setturi taż-żgħażaġh u l-isport;
- b) ineħħu l-ostakli għal persuni b'inqas opportunitajiet u jindirizzaw il-ħtiġijiet tagħhom, mill-istadji bikrija tat-tfassil tal-attivitajiet ta' apprendiment;

- c) jipprovdu appoġġ biex jagħmlu l-mobbiltà tal-apprendiment aċċessibbli għall-persuni b'inqas opportunitajiet, kif ukoll appoġġ lill-organizzazzjonijiet li jospitawhom, pereżempju billi jipprovdu finanzjament xieraq fil-livell reġjonali jew nazzjonali u billi jrawmu sinerġiji fost strumenti ta' finanzjament reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-UE differenti;
- d) jipprovdu informazzjoni aċċessibbli, aġġornata u f'waqtha dwar il-finanzjament disponibbli għall-mobbiltà tal-apprendiment, iż-żmien tal-pagamenti u appoġġ disponibbli ieħor għall-istudenti;
- e) jassistu lill-istudenti mobbli billi jiġu indirizzati n-nuqqasijiet ta' akkomodazzjoni għall-istudenti b'kollaborazzjoni mal-awtoritajiet nazzjonali, reġjonali u lokali rilevanti;
- f) jiżguraw, f'konformità mal-leġiżlazzjoni nazzjonali u tal-UE, il-protezzjoni xierqa tal-partiċipanti fl-apprendiment mobbli, inkluż apprendisti, trainees, riċerkaturi żgħażaġh u persuni u voluntiera li jaħdmu maż-żgħażaġh, b'mod partikolari minorenni, fir-rigward tal-assigurazzjoni, l-istandards tax-xogħol, ir-rekwiżiti tas-saħħa u s-sikurezza, it-taxxa, is-sigurtà soċjali (inkluż l-aċċess għall-kura tas-saħħa) u, fejn rilevanti, il-possibbiltà li jiġu akkumulati intitolamenti tal-pensjoni.

13. Jagħmlu l-mobbiltà tal-apprendiment aktar sostenibbli mil-lat ambjentali billi:

- a) fejn adatt, jużaw mezzi tat-trasport aktar sostenibbli minn u lejn destinazzjonijiet tal-mobbiltà tal-apprendiment u matul il-perjodi ta' mobbiltà, kif ukoll jipprovdu gwida dwar l-ivvjaġġar sostenibbli;
- b) jgħinu lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, is-setturi taż-żgħażaġh u l-isport, u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jorganizzaw attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment jintegraw il-prattiki ta' sostenibbiltà fl-attivitajiet ta' kuljum tagħhom permezz ta' taħriġ, linji gwida u l-iskambju ta' Prattiki Tajba;
- c) jappoġġaw lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u lis-setturi taż-żgħażaġh u l-isport fil-livell organizzazzjonali fl-isforzi lejn it-tnaqqis tal-emissjonijiet tal-gassijiet serra mill-ivvjaġġar fil-kuntest tal-mobbiltà tal-apprendiment.

14. Jagħmlu użu mit-teknoloġiji diġitali biex jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-apprendiment billi:

- a) iħeġġu l-iżvilupp u l-użu ta' sistemi tal-IT interoperabbli bbażati fuq standards Ewropej komuni; dawn is-sistemi għandhom jippermettu lill-istudenti, l-edukaturi u l-persunal jimmaniġġjaw u jirreġistraw l-esperjenzi ta' mobbiltà tal-apprendiment, f'konformità sħiħa mal-leġiżlazzjoni applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data, u jenħtieġ li jippermettu lill-organizzazzjonijiet jipprovdu informazzjoni dwar l-opportunitajiet ta' mobbiltà, jimmaniġġjaw il-mobbiltà, jappoġġaw ir-rikonnoxximent reċiproku awtomatiku u jnaqqsu l-piż amministrattiv, billi jużaw l-elementi tal-inizjattiva tal-Kard Ewropea tal-Istudenti u għodod offruti mill-pjattaforma tal-Europass, inkluż id-diġitalizzazzjoni tal-kredenzjali tal-apprendiment permezz tal-infrastruttura tal-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment;

- b) jikkontribwixxu għal inizzjattivi li jappoġġaw il-mobbiltà tar-riċerkaturi u jipprovdu informazzjoni rilevanti u servizzi ta' appoġġ, inkluż EURAXESS²⁹ u l-Pjattaforma tat-Talent taż-ŻER³⁰ li ġejja;
- c) jipprovdu appoġġ lill-fornituri tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, lis-setturi taż-żgħażaġħ u l-isport u lill-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili li jippermettilhom jistabbilixxu u jużaw għodod diġitali ġodda meta jkun meħtieġ u/jew jużaw l-għodod diġitali eżistenti biex jikkomplementaw il-mobbiltà fiżika;
- d) jappoġġaw l-iżvilupp ta' formati ta' mobbiltà mħallta ta' kwalità għolja billi jadattaw l-oqfsa nazzjonali eżistenti biex ikomplu jiffaċilitaw formati ta' mobbiltà innovattivi komplementari li jagħmlu użu mit-teknoloġiji diġitali.
- e) jesploraw kif l-IA tista' tgħin biex jingħelbu l-ostakli għall-mobbiltà tal-apprendiment.

15. Jippromwovu l-valuri tal-UE permezz tal-mobbiltà tal-apprendiment billi:

- a) jinkoraġġixxu lill-istudenti, l-edukaturi u l-persunal kollha jipparteċipaw fil-ħajja tal-komunitajiet ospitanti, inkluż permezz ta' attivitajiet ta' volontarjat, matul il-perjodu ta' mobbiltà tal-apprendiment tagħhom barra mill-pajjiż;
- b) jarrikkixxu l-esperjenzi ta' mobbiltà tal-apprendiment b'taħriġ fis-sensibilizzazzjoni interkulturali, l-involviment ċiviku, il-litteriżmu diġitali u tal-media, l-għarfien tal-UE u l-valuri tagħha, u d-drittijiet fundamentali;
- c) jipprovdu lill-istudenti, l-edukaturi u l-persunal li jkunu deħlin b'informazzjoni rilevanti għall-kuntest lokali u joħolqu kultura akkoljenti permezz ta' mentors u appoġġ amministrattiv;

²⁹ EURAXESS – Riċerkaturi Attivi huwa punt uniku ta' servizz għar-riċerkaturi u l-innovaturi li qed ifittxu li javvanzaw fil-karrieri u l-iżvilupp personali tagħhom billi jiċċaqilqu lejn pajjiżi oħrajn.

³⁰ L-azzjoni Talenti taż-ŻER, appoġġata mill-programm Orizzont Ewropa, għandha l-għan li tagħti spinta lill-interoperabbiltà tal-karrieri u lill-impjegabbiltà tat-talenti tar-riċerka u l-innovazzjoni fis-setturi kollha.

- d) jiżguraw li l-istudenti, l-edukaturi u l-persunal mobbli jgawdu l-ogħla livell ta' libertà akkademika; iħeġġu lil-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ jiżviluppaw kultura ta' kwalità, inkluż permezz tal-assigurazzjoni tal-kwalità fost mezzi oħra, li fiha tiġi żgurata konformità sħiħa mal-prinċipji tal-integrità akkademika matul il-perjodi ta' mobbiltà.

16. Jippromwovu l-UE bħala destinazzjoni tal-apprendiment billi:

- a) jikkooperaw mill-qrib biex iżidu l-attrazzjoni tal-UE, billi jużaw il-firxa eżistenti ta' inizjattivi nazzjonali u reġjonali, bħall-proġett ta' Studju fl-Ewropa fl-edukazzjoni għolja;
- b) jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-apprendiment ma' partijiet oħra tad-dinja, b'mod partikolari ma' pajjiżi b'perspettiva ta' tkabbir, permezz ta' kooperazzjoni aktar mill-qrib bejn l-awtoritajiet u l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ rilevanti tagħhom u dawk fl-UE; f'dan ir-rigward, is-Sħubijiet ta' Talent jistgħu jipprovdu qafas għal sħubijiet ta' kooperazzjoni aktar b'saħħithom ma' pajjiżi terzi ewlenin f'konformità mal-oġġettivi miftiehma b'mod reċiproku; tali kooperazzjoni tista' tgħin biex jiġi żgurat li l-mobbiltà tal-apprendiment tgħin indirettament fl-indirizzar tad-diskrepanzi fil-ħiliet f'pajjiżi terzi u fl-UE, pereżempju, billi timmira għad-diskrepanzi fil-ħiliet f'setturi affettwati mit-tranżizzjoni ekoloġika u dik diġitali u ttejjeb l-impjegabbiltà tal-istudenti;
- c) jappoġġaw il-ħruġ f'waqtu ta' viżi għal soġġorn twil u ta' permessi ta' residenza għal nazzjonali ta' pajjiżi terzi li jintgħażlu għal opportunità ta' apprendiment fi Stat Membru, f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/801³¹, jew ta' viżi għal soġġorn qasir, f'konformità mar-Regolament (KE) Nru 810/2009³², skont it-tul ta' żmien maħsub ta' soġġorn fl-UE.

³¹ Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

³² Ir-Regolament (KE) Nru 810/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-13 ta' Lulju 2009 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar il-Viżi (Kodiċi dwar il-Viżi) (ĠU L 243, 15.9.2009, p. 1).

17. Jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni billi:

- a) iħeġġu diskussjonijiet strateġiċi fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u fost l-Istati Membri dwar strateġiji jew approċċi possibbli għall-internazzjonalizzazzjoni u/jew il-mobbiltà, il-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin u l-parteċipazzjoni f'attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, f'kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha;
- b) jinfurmaw lill-Kummissjoni sa tmiem l-2026 dwar l-istrateġiji jew l-approċċi eżistenti jew ippjanati għall-internazzjonalizzazzjoni u/jew il-mobbiltà li jistgħu jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni fis-setturi tal-edukazzjoni għolja, tal-VET, tal-edukazzjoni skolastika, tal-edukazzjoni għall-adulti u tas-setturi taż-żgħażaġh u l-isport, filwaqt li jindirizzaw kemm il-mobbiltà tal-apprendiment 'il barra kif ukoll dik 'il ġewwa.

JISTIEDEN LILL-KUMMISSJONI:

18. Tiżviluppa sal-2026, f'kollaborazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, u abbażi tal-opinjoni esperta tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Parametri Referenzjarji, proposta għal metodoloġija għall-ġbir tad-data (kif imsemmija fir-rakkomandazzjonijiet 3 u 4) biex jitkejlu:
- fl-edukazzjoni għolja, is-sehem ta' gradwati b'esperjenza ta' mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż;
 - is-sehem ta' persuni b'inqas opportunitajiet fost l-istudenti kollha li jibbenefikaw mill-mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż fis-setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ u taż-żgħażaġh u l-isport.
- Tqis kif adatt is-sensittivitajiet possibbli li jikkonċernaw id-data relatata mal-mobbiltà tal-apprendiment inklużiva u tevita li timponi kwalunkwe piż amministrattiv addizzjonali fuq l-Istati Membri. Tirrapporta ta' spiss dwar il-progress li jkun sar lill-Kunsill (permezz tal-korp preparatorju rilevanti tiegħu, il-Kumitat tal-Edukazzjoni).
19. Tappoġġa l-kondiviżjoni ta' prattiki tajbin, il-parteciġazzjoni f'attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, u d-diskussjonijiet strateġiċi fil-livell Ewropew, nazzjonali u reġjonali u fost l-Istati Membri msemmija fir-rakkomandazzjoni 17.

20. Tkompli tappoġġa l-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni billi tibni fuq il-kooperazzjoni fost il-gruppi ta' ħidma tal-qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-educazzjoni u t-taħriġ, u f'kooperazzjoni mal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Parametri Referenzjarji (SGIB).
21. Timmappja l-oqsma ta' intervent tal-istrumenti ta' finanzjament eżistenti fil-livell tal-UE, internazzjonali, nazzjonali u reġjonali biex ikun hemm sensibilizzazzjoni dwar l-azzjonijiet potenzjali u l-prattiki tajbin tagħhom b'appoġġ għall-mobbiltà tal-apprendiment u jitrawwem approċċ sinerġetiku effettiv fost il-partijiet ikkonċernati rilevanti kollha.
22. Taħdem mal-Istati Membri, inkluż permezz tal-Grupp Permanenti dwar l-Indikaturi u l-Parametri Referenzjarji, u partijiet ikkonċernati rilevanti fuq it-titjib ulterjuri tal-kwalità u d-disponibbiltà tad-data u l-iżvilupp ta' metodoloġiji fil-livell tal-UE għall-ġbir u l-analiżi tad-data – inkluż s'tħarriġ, pereżempju, l-istħarriġ Ewropew ta' traċċar tal-gradwati – dwar il-mobbiltà tal-apprendiment fis-setturi kollha tal-educazzjoni u tat-taħriġ u fis-setturi taż-żgħażaġh u l-isport, li jistgħu jqisu wkoll l-inklużività u d-diversità territorjali, f'konformità sħiħa mal-leġislazzjoni tal-UE dwar il-protezzjoni tad-data u mingħajr ma jinħolqu piżijiet amministrattivi addizzjonali għall-Istati Membri.

23. Iġġedded it-Tabella ta' Valutazzjoni tal-Mobbiltà, b'kooperazzjoni mill-qrib mal-esperti mill-Istati Membri, sabiex tagħti segwitu għall-implimentazzjoni ta' din ir-Rakkomandazzjoni u tespandiha biex tkopri s-setturi kollha tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, kif ukoll is-setturi taż-żgħażaġh u l-isport.
24. Tinkoraġġixxi u tappoġġa l-parteċipazzjoni taż-żgħażaġh fit-tfassil u l-implimentazzjoni ta' strateġiji u programmi ta' mobbiltà tal-apprendiment fil-livell nazzjonali, reġjonali, lokali u Ewropew.
25. Tiżviluppa aktar, tippromwovi u tipprovdi appoġġ permezz tal-programm Erasmus+ u dak tal-Korp Ewropew ta' Solidarjetà għall-użu tal-għodod tal-UE li jappoġġaw l-implimentazzjoni ta' perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani, bħan-networks tal-Euroguidance u l-Eurodesk, il-Kard Ewropea tal-Istudjanti, l-Appoġġ Lingwistiku Online, il-Pjattaforma Ewropea għall-Edukazzjoni fl-Iskejjel, il-Portal Ewropew taż-Żgħażaġħ, it-Taħriġ Online Ġenerali, il-Youthpass u l-Europass.
26. Tiżviluppa aktar, tottimizza, tippromwovi u tipprovdi appoġġ permezz tal-programm Erasmus+ għall-użu ta' għodod tal-UE li jappoġġaw it-trasparenza u l-validazzjoni tal-eżiti tal-perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani u l-kredenzjali, b'mod partikolari l-Youthpass u l-pjattaforma tal-Europass/Europass Mobbiltà, inkluż billi tittejjeb l-interoperabbiltà semantika permezz tal-Mudell Ewropew tal-Apprendiment u l-Kredenzjali Diġitali Ewropej għall-Apprendiment.
27. Tiżviluppa aktar u tipprovdi appoġġ għall-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja u l-alleanzi tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, bħall-"Universitajiet Ewropej", biex ikunu jistgħu jipprovdu programmi konġunti u jagħtu lawrji konġunti, f'konformità mal-għodod tal-UE u ta' Bologna.

28. Tiżviluppa aktar u ttipprovdi appoġġ lill-alleanzi tal-Universitajiet Ewropej, inkluż permezz tal-programm Erasmus+ u l-appoġġ politiku, li jippermettulhom jilhq u l-potenzjal sħiħ tagħhom u jaġixxu bħala mudelli eżemplari għas-settur tal-edukazzjoni għolja billi jrawmu mobbiltà mingħajr xkiel u inkorporata fil-kampusijiet interuniversitarji Ewropej, jippromwovu l-użu ta' mikro kredenzjali u jeżaminaw l-għażliet u l-passi meħtieġa - f'kooperazzjoni mill-qrib mal-Istati Membri, l-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni għolja, organizzazzjonijiet tal-istudenti u partijiet ikkonċernati rilevanti - lejn tikketta possibbli ta' lawrja konġunta abbażi ta' sett komuni ta' kriterji Ewropej maħluqa b'mod konġunt.
29. Tiżviluppa aktar u ttipprovdi appoġġ għal inizzjattivi volontarji tal-UE li jistgħu jżidu l-mobbiltà fil-qasam tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, bħall-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus + u ċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali.
30. Ttipprovdi aktar appoġġ mill-programm Erasmus+ billi tinkoraġġixxi l-kooperazzjoni u l-apprendiment reċiproku fost l-Istati Membri biex jiġi żgurat ir-rikonoxximent reċiproku awtomatiku tal-kwalifiki u l-eżiti ta' perjodi ta' apprendiment f'pajjiż barrani mwettqa fis-setturi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fil-livelli kollha, inkluż għall-apprendiment virtwali u mħallat.
31. Tkompli tappoġġa lill-Istati Membri hekk kif jimxu lejn approċċ komprensiv għat-tagħlim u l-apprendiment tal-lingwi, b'mod partikolari permezz ta' attivitajiet ta' apprendiment bejn il-pari, il-promozzjoni ta' inizzjattivi u avvenimenti bħall-Jum Ewropew tal-Lingwi, u l-kooperazzjoni mal-partijiet ikkonċernati u ma' organizzazzjonijiet internazzjonali bħall-Kunsill tal-Ewropa u ċ-Ċentru Ewropew għal-Lingwi Moderni tiegħu u l-OECD, sabiex jiġu żviluppati għodod innovattivi għall-apprendiment tal-lingwi, inkluż għodod diġitali u tal-IA.

32. Tjippromwovi l-bini ta' sinerġiji u komplementarjetajiet bejn il-programmi tal-UE li jindirizzaw il-mobbiltà tal-apprendiment, bħall-Erasmus+ u l-Korp Ewropew ta' Solidarjetà, u strumenti ta' finanzjament oħrajn fil-livell reġjonali, nazzjonali, internazzjonali u tal-UE bħall-fondi tal-Politika ta' Koeżjoni, b'mod partikolari l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond Soċjali Ewropew Plus, bl-inizjattiva Aspira, Tgħallem, Aħkem, Ikseb (ALMA), sabiex timmassimizza l-impatt ta' azzjonijiet li jippromwovu l-opportunitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment fl-Istati Membri kollha, inkluż billi tappoġġa l-implimentazzjoni ta' għodod u strateġiji biex tiżdied il-parteċipazzjoni ta' persuni b'inqas opportunitajiet.
33. Tappoġġa lill-Istati Membri, fuq talba tagħhom, fl-isforzi tagħhom biex jirriformaw u jtejbu l-istrateġiji jew l-approċċi tal-internazzjonalizzazzjoni u/jew tal-mobbiltà fil-livell nazzjonali u f'diversi pajjiżi bl-użu ta' għodod tal-UE, bħall-Istrument ta' Appoġġ Tekniku u l-opportunitajiet ta' Erasmus+.
34. Sal-2025 tipproduċi studju dwar l-opportunitajiet, l-isfidi u l-impatti tal-mobbiltà b'bilanċjata (inkluż il-mobbiltà tal-krediti u l-mobbiltà li twassal għal lawrja) fl-UE, filwaqt li tqis id-diversi konsegwenzi tal-fenomeni ta' ċirkolazzjoni tal-imħuħ.

Magħmul fi Brussell,

Għall-Kunsill

Qafas politiku għall-mobbiltà tal-għalliema

Il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-2020 dwar il-kisba sal-2025 taż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni³³ tiddikjara li l-Kummissjoni ser "tiżviluppa, flimkien mal-Istati Membri u mal-partijiet ikkonċernati, qafas ta' politika biex jiżdiedu l-għadd u l-kwalità tal-mobbiltà tat-tagħlim tal-għalliema fl-Ewropa abbażi tal-ħtiġijiet reali tal-mobbiltà tagħhom."

Ir-Riżoluzzjoni tal-Kunsill dwar qafas strateġiku għall-kooperazzjoni Ewropea fl-edukazzjoni u t-taħriġ lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni u lil hinn (2021-2030)³⁴ tinkludi azzjonijiet speċifiċi biex jiġi indirizzat il-qasam priyoritarju tal-għalliema u tal-ħarrieġa. Dawn l-azzjonijiet jinkludu l-esplorazzjoni tal-possibbiltà li jiġi żviluppat qafas politiku għall-mobbiltà tal-għalliema.

³³ COM(2020) 625 final.

³⁴ ĠU C 66, 26.2.2021, p. 1.

Ir-raġunament wara tali qafas huwa li hemm sfidi speċifiċi għall-għalliema, li huma analizzati wkoll fid-dokument ta' ħidma tal-persunal tal-Kummissjoni SWD(2023) 719 final.

Dan il-qafas jiddeskrivi sett ta' azzjonijiet li jistgħu jiġu implimentati fil-livell tal-iskola, dak lokali, dak reġjonali u tas-sistema biex jiġu indirizzati l-ostakli għall-mobbiltà tal-għalliema identifikati fl-Istati Membri tal-UE. L-ambizzjoni tiegħu hija li jservi bħala ispirazzjoni għall-partijiet ikkonċernati li lesti jiżviluppaw l-istrateġiji tagħhom stess għall-mobbiltà tal-għalliema f'konformità mas-sistemi tagħhom u biex jaħdem bħala sett ta' għodod ta' ideat biex tiżdied il-mobbiltà tal-għalliema. Dan jikkomplementa u jibni fuq l-azzjonijiet speċifikati fil-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-tisħiħ tal-mobbiltà tal-għalliema u tal-ħarrieġa matul l-edukazzjoni u t-taħriġ inizjali u kontinwi tagħhom³⁵, u fuq il-promozzjoni tal-valur tal-mobbiltà tal-għalliema fl-iskejjel u fil-komunitajiet. Il-konklużjonijiet tal-Kunsill jenfasizzaw l-impatt pożittiv tal-mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż fuq l-iżvilupp professjonali tal-għalliema kif ukoll fuq is-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, filwaqt li jidentifikaw l-ostakli għall-mobbiltà. Dan l-Anness jindirizza l-ħtieġa li jingħelbu dawn l-ostakli sabiex il-mobbiltà tal-għalliema, f'konformità mal-ħtiġijiet tas-sistemi nazzjonali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ, issir perkors vijabbli kemm fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema kif ukoll matul l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema.

³⁵ ĠU C 167, 21.4.2022, p. 2.

L-idea sottostanti hija li jenħtieġ li l-mobbiltà tal-apprendiment tkun parti integrali mill-edukazzjoni inizjali u mill-iżvilupp professjonali tal-għalliema: tista' żżid l-attraenza tal-professjoni u hija importanti għall-iżvilupp ulterjuri tal-iskejjel u tas-sistemi tal-edukazzjoni u tat-taħriġ fi triqthom lejn iż-Żona Ewropea tal-Edukazzjoni.

Il-Kummissjoni ser tappoġġa lill-Istati Membri hekk kif jistabbilixxu l-arranġamenti u l-miżuri meħtieġa deskritti f'dan id-dokument, b'mod partikolari permezz tal-iskambju tal-aħjar prattiki u l-apprendiment bejn il-pari. Dawn il-miżuri ser jibnu fuq il-prattiki tajbin żviluppati taħt il-programm Erasmus+, bħall-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+, li għandhom l-għan li joffru appoġġ lill-għalliema fil-bidu tal-karrieri tagħhom u li jsaħħu l-iżvilupp professjonali tagħhom.

F'konformità mas-sistema nazzjonali tal-Istat Membru tagħhom, il-partijiet ikkonċernati fil-livell tal-iskejjel, reġjonali, lokali u tas-sistema jistgħu jilħqu l-oġettivi ġenerali deskritti hawn fuq billi:

1. L-opportunitajiet ta' mobbiltà jsiru disponibbli fil-kuntest tal-edukazzjoni inizjali u l-iżvilupp professjonali kontinwu tal-għalliema
 - a) Edukazzjoni inizjali
 - titqies l-inkorporazzjoni ta' opportunitajiet ta' mobbiltà inklużivi u bbilanċjati bejn il-ġeneri fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema bħala parti rrakkomandata mill-kurrikuli;
 - ir-rikonoxximent tal-mobbiltà tal-apprendiment bħala parti integrali mill-edukazzjoni inizjali tal-għalliema, u b'mod partikolari r-rikonoxximent tal-inkarigi ta' tagħlim barra mill-pajjiż bħala ekwivalenti għat-taħriġ fl-iskola f'istituzzjoni nazzjonali tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ fejn adatt;
 - fejn possibbli, l-allokazzjoni ta' perjodi ta' ħin ("twieqi ta' mobbiltà") fis-sena akkademika ta' kwalunkwe edukazzjoni inizjali tal-għalliema biex l-għalliema studenti jkun jistgħu jipparteċipaw faċilment f'perjodi ta' mobbiltà mingħajr ma jaffettwaw l-istudji tagħhom;
 - l-inklużjoni ta' moduli jew elementi fl-edukazzjoni inizjali tal-għalliema li huma ddedikati biex jipprovdu l-ħiliet u l-kompetenzi meħtieġa biex iqattgħu perjodi ta' mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż.

b) Żvilupp professjonali kontinwu

- ir-rikonoxximent tal-eżiti tal-perjodu ta' mobbiltà tal-għalliema f'pajjiż barrani bħala parti leġittima u siewja tal-attivitajiet professjonali tagħhom;
- fejn possibbli, l-identifikazzjoni u l-inkorporazzjoni ta' twieqi ta' mobbiltà fis-sena skolastika, meta l-fatt li jintbagħtu u jiġu ospitati l-għalliema u l-għalliema futuri jkun adatt u faċli biex jiġi implimentat, u jiġu pprovduti għalliema sostituti fejn meħtieġ;
- il-konklużjoni ta' ftehimiet bilaterali fil-livell nazzjonali jew, fejn applikabbli, fil-livell reġjonali biex jiġi ffaċilitat b'mod partikolari ir-rikonoxximent u l-komparabbiltà tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba (pereżempju, permezz ta' qafas ta' kwalità komuni u billi jsir użu minn terminoloġija standardizzata tal-ħiliet disponibbli fil-livell Ewropew);
- fejn possibbli u f'konformità mal-kompetenzi nazzjonali, l-appoġġ lill-iskejjel b'riżorsi xierqa u bi proċeduri flessibbli meta l-għalliema li jipparteċipaw fil-mobbiltà jridu jiġu sostitwiti temporanjament.

2. Titjib tal-kooperazzjoni fil-livell lokali billi jiġi żviluppat u implimentat approċċ strateġiku għall-mobbiltà tal-għalliema

a) Integrazzjoni tal-mobbiltà tal-għalliema fl-iżvilupp ġenerali tal-iskejjel

- l-inkoraġġiment ta' dawk li jfasslu l-politika, tal-mexxejja tal-iskejjel, tal-edukaturi tal-għalliema u tal-partijiet ikkonċernati rilevanti biex jistabbilixxu kif il-mobbiltà tal-apprendiment, inkluż il-mobbiltà tal-għalliema, irrispettivament mill-ġharfien espert tat-tagħlim u mill-ġeneru tagħhom, tista' tiġi integrata fl-istrateġiji ta' żvilupp tal-iskejjel;
- titqies id-definizzjoni ta' objettivi fuq perjodi ta' żmien qasir, medju u twil għall-mobbiltà tal-apprendiment biex issir parti mill-istrateġija ġenerali għall-iżvilupp tal-iskejjel, inkluż, li jintbagħtu u jiġu ospitati għalliema (inkluż l-għalliema fit-taħriġ u persunal ieħor tal-iskejjel) u proġetti għall-kooperazzjoni ma' organizzazzjonijiet barra mill-pajjiż (inkluż il-kooperazzjoni online);

- l-applikazzjoni ta' strateġija progressiva għall-implimentazzjoni ta' dawn l-oġettivi, li tibda bl-użu tal-għodod u l-pjattaformi diġitali, tal-kooperazzjoni bilaterali u tal-kooperazzjoni ma' reġjuni transfruntieri;
- fejn possibbli, il-promozzjoni tal-kooperazzjoni bejn l-iskejjel fl-istess żona jew reġjun biex tiġi ffaċilitata s-sostituzzjoni tal-għalliema li jkunu qegħdin jipparteċipaw fi programmi ta' mobbiltà tal-apprendiment;
- li jittieħed vantaġġ mis-sistema lokali ta' organizzazzjonijiet involuti fl-educazzjoni u t-taħriġ biex jinstabu sħab barra mill-pajjiż;
- l-istabbiliment ta' networks ta' istituzzjonijiet parteċipanti bejn l-Istati Membri biex tiġi żviluppata sistema għall-mobbiltà tal-għalliema bbażata fuq ir-reġistri tal-awtoritajiet edukattivi lokali, reġjonali u nazzjonali, il-konsorzji tal-iskejjel, il-komunità tal-eTwinning u networks eżistenti oħrajn;
- it-tisħiħ tal-mobbiltà tal-għalliema billi jittejbu l-kompetenzi lingwistiċi tagħhom, jiżdied l-użu ta' metodi innovattivi għat-tagħlim u għall-apprendiment tal-lingwi u jiġi introdott il-multilingwiżmu fil-klassi.

b) Allokazzjoni tar-riżorsi meħtieġa

- titqies l-allokazzjoni ta' persunal dedikat (koordinaturi tal-mobbiltà) għat-tħejjija u għall-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet ta' mobbiltà, inkluż il-mentoraġġ tal-għalliema mobbli, l-appoġġ għall-istituzzjonijiet li jospitaw u li jibagħtu għalliema u l-indirizzar tal-proċeduri loġistiċi u amministrattivi bħall-akkomodazzjoni, it-tassazzjoni fuq l-introjt u s-sigurtà soċjali fl-aktar livell xieraq (l-iskejjel u l-awtoritajiet lokali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ);
- jitqies il-ġbir flimkien tar-riżorsi fil-livell tal-awtoritajiet lokali tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex ilaħħqu mal-ammont ta' xogħol amministrattiv involut fit-tħejjija u fl-immaniġġjar tal-proġetti ta' mobbiltà, b'mod partikolari biex l-iskejjel bl-inqas mezzi jkunu jistgħu jipparteċipaw f'attivitajiet ta' mobbiltà tal-apprendiment;
- it-titjib tal-kapaċità tal-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni u tat-taħriġ biex jospitaw u jibbenefikaw mill-attivitajiet ta' mobbiltà kemm tal-għalliema Prattikanti kif ukoll dawk prospettivi, filwaqt li jittieħed vantaġġ sħiħ mill-kooperazzjoni mal-Akkademji tal-Għalliema tal-Erasmus+;
- ir-rikonoxximent tax-xogħol tal-persunal li jagħmel possibbli l-opportunitajiet ta' mobbiltà fil-prattika;
- l-appoġġ għal skejjel attivi fi proġetti ta' mobbiltà billi jiġu pprovduti riżorsi addizzjonali;
- it-trawwim ta' sinerġiji ma' fondi lokali, nazzjonali u tal-UE oħrajn, b'mod partikolari l-Fond Soċjali Ewropew Plus u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali, flimkien mal-Erasmus+.

3. Promozzjoni tal-benefiċċji tal-mobbiltà tal-apprendiment u l-appoġġ tagħha bit-taħriġ meħtieġ
- iż-żieda fis-sensibilizzazzjoni fost dawk li jieħdu d-deċiżjonijiet fil-livelli kollha tas-sistema tal-edukazzjoni u tat-taħriġ (b'mod partikolari l-mexxejja tal-iskejjel u maniġers oħrajn fil-livell lokali u reġjonali) dwar il-benefiċċji tal-mobbiltà tal-apprendiment transfruntiera għall-persunal tal-edukazzjoni u l-impatt tagħhom fuq l-iżvilupp ta' organizzazzjonijiet, inkluż l-ġhajjnuna lill-istudenti biex jiżviluppaw kompetenzi ta' lingwi barranin;
 - l-ġhoti ta' taħriġ, lill-mexxejja tal-iskejjel, dwar l-iżvilupp tal-iskejjel (inkluż permezz ta' job shadowing barra mill-pajjiż) appoġġat mill-mobbiltà tal-apprendiment barra mill-pajjiż;
 - il-ħolqien ta' inċentivi għall-mexxejja tal-iskejjel, u l-apprezzament tax-xogħol tagħhom, li jinvolvu l-iskejjel u l-persunal tagħhom fi proġetti ta' mobbiltà;
 - l-apprezzament u l-promozzjoni tal-effetti pożittivi ta' tali esperjenzi għall-ġhalliema, għall-istudenti u għall-iżvilupp tal-iskejjel u għall-edukazzjoni skolastika fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali.
-

Qafas politiku għall-mobbiltà tal-apprendisti

L-apprendistati³⁶ ilhom element ċentrali tal-politiki Ewropej dwar il-VET sa mill-2010, li bdew bil-Komunikat ta' Bruges u ġew imtennija fl-2020 bid-Dikjarazzjoni ta' Osnabrück u bir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2020 dwar l-edukazzjoni u t-taħriġ vokazzjonali (VET) għall-kompetittività sostenibbli, il-ġustizzja soċjali u r-reżiljenza³⁷. Minn dak iż-żmien 'l hawn, il-prijoritajiet politiċi speċifiċi evolwew u issa jinkludu li l-mobbiltà transfruntiera għall-finijiet ta' apprendiment issir realtà għall-apprendisti wkoll. Il-mobbiltà tal-apprendisti toffri benefiċċji ċari għaż-żgħażaġh u l-istudenti adulti mil-lat tat-taħriġ u l-impjegabbiltà tagħhom, għall-kumpaniji, hekk kif il-ħiliet tal-forza tax-xogħol tagħhom jitwessgħu, u għas-soċjetà kollha kemm hi. L-apprendiment ta' wħud mill-ħiliet u l-kompetenzi li tista' toffri l-mobbiltà transfruntiera (pereżempju, kompetenzi lingwistiċi, ħiliet interkulturali, ħiliet organizzazzjonali, u ħiliet trasferibbli oħrajn, jew ħiliet speċifiċi f'qasam tekniku mhux disponibbli fil-kumpanija/istituzzjoni li tibgħat) ma jistax isir mill-pajjiż ta' oriġini. Madankollu, minħabba sett ta' ostakli speċifiċi, bħall-kumplessità tal-obbligi legali relatati mal-istatus amministrattiv tal-apprendisti, l-età, skemi u kurrikuli nazzjonali differenti ta' apprendistat, u r-riskju ta' telf fil-produttività li jiffaċċjaw l-impjegaturi, l-apprendisti għandhom aċċess limitat għall-esperjenzi tal-mobbiltà tal-apprendiment. Dan l-Anness jipproponi sett ta' azzjonijiet fil-livell nazzjonali li jistgħu jiffaċilitaw il-mobbiltà tal-apprendisti fil-livell tas-sistema, individwali u tal-kumpanija. L-ambizzjoni tiegħu huwa li jservi bħala ispirazzjoni għall-partijiet ikkonċernati li lesti jespandu l-mobbiltà tal-apprendistat, u li jiffunzjona bħala sett ta' għodod biex tiżdied il-mobbiltà tal-apprendistat. Dan jibni fuq id-dispożizzjonijiet tar-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi.

³⁶ Skont ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1), l-apprendistati huma mifhuma bħala skemi formali ta' edukazzjoni u taħriġ vokazzjonali li:

- a) jikkombinaw l-apprendiment fl-istituzzjonijiet tal-edukazzjoni jew tat-taħriġ ma' apprendiment sostanzjali msejjes fuq ix-xogħol f'kumpaniji u f'postijiet tax-xogħol oħrajn;
- b) iwasslu għal kwalifiki rikonoxxuti fil-livell nazzjonali;
- c) huma bbażati fuq ftehim li jiddefinixxi d-drittijiet u l-obbligi tal-apprendist, tal-impjegatur u, fejn adatt, tal-istituzzjoni tal-edukazzjoni u tat-taħriġ vokazzjonali; kif ukoll
- d) jinvolvu li l-apprendist jitħallas jew b'xi mod jirċievi kumpens għall-komponent ibbażat fuq ix-xogħol.

³⁷ ĠU C 417, 2.12.2020, p. 1.

Huwa rrakkomandat li l-Istati Membri jikkunsidraw li jistabbilixxu sett ta' azzjonijiet biex jappoġġaw il-mobbiltà tal-apprendisti fil-VET abbażi tal-prinċipji li ġejjin:

1. Aspetti fil-livell tas-sistema għall-iffaċilitar tal-mobbiltà tal-apprendisti
 - a) L-inklużjoni tal-mobbiltà tal-apprendisti fi strateġija nazzjonali ta' internazzjonalizzazzjoni għall-edukazzjoni u t-taħriġ fejn applikabbli u fi strateġiji (ekonomiċi) settorjali fejn adatt. Strateġiji bħal dawn jistgħu jieħdu approċċ inkrementali li jibni fuq il-mobbiltà għal żmien qasir u l-mobbiltà f'reġjuni transfruntieri jew f'setturi magħżula, jew li jippromwovi skemi ta' mobbiltà kollettiva jew ta' rotazzjoni għal żmien qasir.
 - b) It-trawwim tal-internazzjonalizzazzjoni abbażi tal-għarfien Prattiku ta' Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali li jgħaqqdu lill-fornituri ta' referenza tal-VET fl-Istati Membri, billi tiġi mħeġġa l-kooperazzjoni ma' firxa wiesgħa ta' partijiet ikkonċernati, u jsir dak kollu possibbli biex jiġu żviluppati kurrikuli u kwalifiki ta' kwalità għolja ffukati fuq il-ħtiġijiet tal-ħiliet settorjali u l-isfidi tas-soċjetà. Iċ-Ċentri ta' Eċċellenza Vokazzjonali jaħdmu fuq firxa ta' attivitajiet, li jinkludu l-inkorporazzjoni tal-mobbiltà tal-istudenti fil-kurrikuli kif ukoll it-titjib tal-opportunitajiet tal-istudenti għall-mobbiltà barra mill-pajjiż u l-kwalità ta' tali programmi ta' mobbiltà. Dawn iservu bħala muturi tal-eċċellenza u tal-innovazzjoni u jippromwovu rwol proattiv għall-VET fl-iżvilupp ekonomiku lokali u reġjonali.

- c) L-assenjazzjoni ta' persunal dedikat (pereżempju, ambaxxaturi, punti fokali, koordinaturi tal-mobbiltà) fil-livell lokali, reġjonali u nazzjonali biex tiġi ffaċilitata u titqajjem kuxjenza dwar il-mobbiltà tal-apprendisti fir-rigward tad-diversi skemi nazzjonali u reġjonali. Dan il-persunal iddedikat jista' jgħin fit-tħejjija u l-implimentazzjoni ta' proġetti u attivitajiet ta' mobbiltà, inkluż billi jiggwida lill-apprendisti, jappoġġa istituzzjonijiet ospitanti u daww li jibagħtu u jittratta proċeduri loġistiċi u amministrattivi.
- d) Il-promozzjoni tal-mobbiltà tal-apprendistat, inkluż billi jithegħeġ il-ħolqien ta' networks ġodda jew billi jissaħħu daww eżistenti bejn l-impjegaturi, il-fornituri tal-VET, is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi u s-sħab soċjali, u li jittieħed vantaġġ mill-inizjattivi eżistenti bħall-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati.
- e) Jitqiesu arranġamenti kurrikulari biex tiġi ffaċilitata l-mobbiltà tal-apprendisti mingħajr ma tiġi pperikolata t-tlestija tal-istudji tagħhom u biex jiġu rikonoxxuti l-eżiti tal-apprendiment miksuba barra mill-pajjiż (pereżempju billi jiġi inkluż modulu ta' mobbiltà dedikat fil-kurrikulu jew billi jiġi introdott l-apprendiment mill-bogħod meta jkun meħtieġ u meta jkun possibbli).

- f) L-iżgurar tal-aċċess faċli għall-informazzjoni dwar ir-rekwiżiti legali u amministrattivi għall-mobbiltà tal-apprendistati relatati mal-kumpens u mal-istatus legali tal-apprendisti involuti fil-mobbiltà.
- g) It-tnaqqis tal-piż amministrattiv fil-proċess tal-applikazzjoni u t-tħaffif tal-proċeduri tal-viża u tal-permessi ta' residenza għall-apprendisti minn pajjiżi terzi li jkunu deħlin, meta jkun applikabbli u f'konformità mad-Direttiva (UE) 2016/801³⁸.
- h) L-inkoraġġiment ta' ftehimiet bilaterali dwar il-mobbiltà tal-apprendisti ma' Stati Membri oħrajn u, fejn fattibbli, ma' pajjiżi terzi (jew reġjuni, jekk applikabbli) biex jitnaqqas kwalunkwe ostaklu li għad fadal għar-rikonoxximent u għall-komparabbiltà tal-ħiliet u l-kompetenzi miksuba (pereżempju, permezz ta' qafas ta' kwalità komuni mmirat lejn il-kwistjonijiet nazzjonali speċifiċi marbuta mal-mobbiltà tal-apprendisti u s-sistemi ta' apprendistat fiż-żewġ pajjiżi).
- i) Fejn possibbli, l-involviment tas-sħab soċjali fl-istadji kollha tat-tfassil, tal-implimentazzjoni u tas-segwitu tal-istrateġiji u l-iskemi ta' mobbiltà tal-apprendisti.

³⁸ Id-Direttiva (UE) 2016/801 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2016 dwar il-kundizzjonijiet ta' dħul u residenza ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi għall-finijiet ta' riċerka, studji, taħriġ, servizz volontarju, skemi ta' skambju ta' skulari jew proġetti edukattivi u au pairing (ĠU L 132, 21.5.2016, p. 21).

2. Appoġġ għall-apprendisti

- a) L-implimentazzjoni tal-mobbiltà b'mod inklużiv, l-għoti ta' appoġġ speċifiku għal persuni b'inqas opportunitajiet.
- b) L-ikkomplementar tal-għotjiet ta' Erasmus+ b'finanzjament addizzjonali biex jiġu koperti l-kostijiet tal-mobbiltà tal-apprendisti.
- c) Il-promozzjoni ta' arranġamenti u għodod pedagoġiċi biex tiġi appoġġata l-mobbiltà tal-apprendisti, pereżempju permezz ta' apprendiment mill-bogħod biex jingħelbu d-differenzi fl-istruttura doppja tal-apprendiment u tat-taħriġ.
- d) L-għoti ta' aktar appoġġ lill-apprendisti u aktar kuntatt magħhom, inkluż appoġġ għat-tħejjija tal-lingwi (l-iżvilupp ta' materjali speċifiċi għall-apprendiment tal-lingwi għal ċerti impjiegi bil-lingwa/i tal-pajjiżi ospitanti).
- e) It-tfassil ta' miżuri ta' akkumpanjament għall-apprendisti li jmorru barra minn pajjiżhom, bħal sistema ta' mentoraġġ jew ta' sieħeb/sieħba għall-fażi preparatorja, il-mobbiltà virtwali fil-fażi preparatorja (biex tikkomplementa l-mobbiltà fiżika) u meta jkunu barra mill-pajjiż u l-appoġġ għall-apprendisti mar-ritorn tagħhom huma u jintegraw mill-ġdid fl-ambjent tax-xogħol tagħhom u jużaw il-ħiliet u kompetenzi li jkunu għadhom kif kisbu.
- f) Il-promozzjoni ta' opportunitajiet għall-apprendisti fl-iskejjel tal-VET, inkluż opportunitajiet ta' Erasmus+ u skemi ta' mobbiltà internazzjonali, permezz ta' network iddedikat ta' konsulenti u l-media soċjali.
- g) Il-promozzjoni ta' opportunitajiet għall-apprendisti offruti fuq il-portal online tal-EURES biex jgħinu lill-istudenti mobbli fit-tranżizzjoni tagħhom lejn is-suq tax-xogħol.

3. Appoġġ għall-kumpaniji

- a) Jitqies l-ġhoti ta' inċentivi finanzjarji lill-impjegaturi, bħala kumpens għall-perjodu meta l-apprendisti jkunu barra mill-pajjiż, u lill-apprendisti, biex jiġu mħeġġa jirritornaw għand l-impjegatur li jibgħathom (pereżempju bonus malli jlestu l-programm jew sussidju tal-pagi jekk jiġu impjegati wara l-gradwazzjoni).
- b) Jitqies l-ġhoti ta' assistenza mmirata lill-impjegaturi, b'mod partikolari għall-intrapriżi żgħir u ta' daqs medju, pereżempju billi jiġi appoġġat l-istabbiliment ta' networks intermedjarji bejn il-pajjiżi li jirċievu u li jibagħtu, preferibbilment fuq bażi settorjali, biex jgħinu lill-kumpaniji bi kwistjonijiet organizzazzjonali u b'rekwiżiti legali.
- c) Il-promozzjoni ta' kollaborazzjonijiet transfruntieri bejn is-servizzi tal-gvern li jimplimentaw it-taħriġ vokazzjonali u l-apprendistati jew is-servizzi pubbliċi tal-impjiegi (PES) u l-impjegaturi billi: jiġu esplorati miżuri li joffru opportunitajiet ta' taħriġ vokazzjonali barra mill-pajjiż għal apprendisti f'setturi milquta mit-tranżizzjoni doppja; l-appoġġ għall-kollaborazzjonijiet transfruntieri bejn dawn is-servizzi tal-gvern jew il-PES u l-assoċjazzjonijiet tal-impjegaturi biex jindirizzaw in-nuqqas ta' ħiliet f'impjiegi ekoloġiċi u diġitali permezz ta' programmi ta' apprendistat; u l-kunsiderazzjoni ta' sħubijiet reġjonali transfruntieri bejn dawn is-servizzi tal-gvern jew il-PES bħala punt tat-tluq.
- d) Il-promozzjoni tal-opportunitajiet ta' Erasmus+ u l-Alleanza Ewropea għall-Apprendistati fost il-kumpaniji, filwaqt li jiġu enfasizzati l-benefiċċji ta' meta l-apprendisti jiġu ospitati u jintbagħtu fuq programmi ta' mobbiltà.
